**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano LL.D.**

**Illum 23 ta' Settembru, 2002**

**Appell Nru 139/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Farrugia**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Farrugia talli fit-28 ta' Lulju, 2001 ghall-habta tad-9.15am fl-ghalqa maghrufa bhala Tal-Barumbara li tinsab fi Qrendi Road, Zurrieq (**1**) hebb ghall-persuni ta' Antonia u ohtha Carmela Gauci minghajr ma kkagunalhom griehi; (**2**) kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied; (**3**) qal kliem oxxen jew indecenti fil-pubbliku; (**4**) ingurja u hedded lil Antonia u lil ohtha Carmela Gauci; (**5**) xewwex il-klieb tieghu biex jaghmlu ghall-imsemmija Antonia u Carmela Gauci; (**6**) zamm l-istess klieb minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; (**7**) bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel jew ostakola lil Antonia u ohtha Carmela Gauci fil-pussess ta' hwejjighom, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor; u (**8**) barra minn hekk kiser sentenza moghtija lilu fis-6 ta' Marzu, 1998 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Magri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Alfred Farrugia **mhux hati skond is-sitt u t-tmien imputazzjoni**, u ghalhekk illiberatu minnhom, izda **sabitu hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha** u kkundannatu ghall-piena ta' **xaharejn prigunerija**;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Alfred Farrugia, minnu ppresentat fil-5 ta' Gunju, 2002 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Settembru, 2002; ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant jistghu jigu riassunti hekk: (i) dwar l-ewwel hames imputazzjonijiet hu jikkontendi li dawn ma jirrisultawx pruvati; (ii) ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-imputazzjoni numru seba' (l-apellant fir-rikors tieghu erroneament jirreferi ghas-"sitt" imputazzjoni, pero` hu evidenti li qed jirreferi ghas-seba' imputazzjoni) jikkontendi li ma hemmx l-estremi tar-reat ta' *ragion fattasi* peress illi l-ahwa Gauci gew semplicement mitluba bil-fomm sabiex ma jghaddux minn passagg partikolari, pero` huma xorta wahda ghaddew u waslu fil-ghalqa taghhom u ghalhekk huma b'ebda mod ma gew imfixkla f'dak li kienu qed jaghmlu; u (iii) fl-ahharnett l-appellant jilmenta dwar il-piena, li huwa jqis li kienet eccessiva peress li l-ewwel qorti "hadet konjizzjoni ta' fatti li kienu estraneji ghall-kawza".

Jigi precizat li ghalkemm quddiem il-Qorti Inferjuri l-appellant kien xehed, quddiem din il-Qorti (cioe` fl-istadju ta' appell) hu ghazel li ma jixhedx, b'mod ghalhekk li l-unika versjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hija dik ta' l-ahwa Antonia u Carmela Gauci. Mill-provi jirrizulta li meta l-ahwa Gauci gew biex jghaddu minn passagg, fuq l-art ta' l-appellant, biex jidhlu fil-ghalqa taghhom, l-appellant beda jheddidhom u jkellimhom hazin, u telqilhom ukoll sitt iklieb li marru jaghmlu ghalihom. Kif fissret Antonia Gauci, dawn il-klieb tant gew vicin taghhom li hija kellha xxejjer bil-basket biex dawn jitilqu. Skond Carmela Gauci bil-qata' li hadet f'din l-okkazzjoni telghala raxx f'gisimha.

Din il-Qorti hi tal-fehma li, hlief ghall-ewwel imputazzjoni, l-imputazzjonijiet kollha li taghhom l-appellant instab hati mill-ewwel qorti jirrizultaw sodisfacentement pruvati. L-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax pruvata ghas-semplici raguni li r-reat ta' hebb, kontemplat fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, jimporta li l-agent <u>bil-persuna tieghu</u> imur jahbat ghal persuna ohra, mentri f'dan il-kaz Farrugia baghat il-klieb tieghu biex jahbtu ghall-ahwa Gauci. Kwantu ghar-reat ta' *ragion fattasi* dan ukoll jirrizulta pruvat. Ghalhemm huwa minnu li l-ahwa Gauci eventwalment waslu u dahlu fil-ghalqa taghhom, huma gew imfixkla fid-dritt ta' passagg taghhom minn fuq l-art ta' l-appellant.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant meta dan jippretendi li kellha tinghata piena pekunjarja. Dan huwa kaz ta' prepotenza fejn ghax persuna jidhrilha li ghandha xi dritt jew xi ilment (f'dan il-kaz li l-ahwa Gauci m'ghandhomx jghaddu minn passagg partikolari), flok tirrikorri quddiem l-awtorita` kompetenti, tiehu l-ligi f'idejha bil-mod kif ghamel l-istess appellant. Mill-banda l-ohra, l-aktar reat serju fost dawk li taghhom l-appellant instab hati huwa dak ta' *ragion fattasi* kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Il-piena ghal dan ir-reat hija minn minimu ta' xahar ghal massimu ta' tlett xhur prigunerija (jew, minflok prigunerija, il-piena tal-multa). F'dan il-kaz din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar gust jekk il-piena ta' prigunerija tkun fil-minimu taghha.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appella billi (**a**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel

imputazzjoni, u minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni; (**b**) thassarha u tirrevokaha wkoll f’dik il-parti fejn ikkundanntu xaharejn prigunerija u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ xahar prigunerija; u (**c**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Assistent Registratur